MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 206/2005

**Avviz numru 206/05DM**

**Michele Peresso Limited (C-6469)**

**Vs**

**Fiorini's Trading Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3,442.44) oltre l-imghax legali mit-12 ta' Awissu, 2003, rappresentanti diversi oggetti lilhom mibjugha u kkonsenjati skond diversi 'invoices' u skond 'statement' anness ma' l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali u ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Frar, 2005, u tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma baghtu rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti konsegwentement tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef, erba' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3,442.44), bl-imghaxijiet legali b'effett mis-12 ta' Awissu, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------